MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Appell Civili Numru. 672/2002/1

**Unibet.com (International) Limited**

**v.**

**Global Events Online Limited u 24H Bet International Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell li jittratta dwar il-principju li fl-ghoti ta' sentenza l-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tal-kawzali u tat-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni (jew, illum, rikors guramentat), li dawn jistghux jigu mibdula fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, u l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq cirkostanzi u fatti ohrajn li ma jidhlux fil-kawzali u fit-talbiet kif dedotti fl-att promotorju.

**2.** Il-fatti li taw lok ghall-kaz in ezami huma bazikament is-segwenti:

- Is-socjetà attrici hija kumpanija registrata f'Malta taht l-isem "Unibet.com (International) Limited" bl-indirizz registrat f'Plaza Complex, Level 5, Suite 7, Bisazza Street, Sliema;
- Din is-socjetà tifforma parti minn grupp internazzjonali registrat taht diversi "UNIBET" trademarks, liema grupp ghandu ufficcji rapprezentattivi f'diversi postijiet fid-dinja, bl-ufficcju principali fir-Renju Unit;
- Is-socjetà attrici ilha topera fl-ambitu tal-*gaming and betting on-line* taht licenzja mahruga mill-Gaming Board for Malta sa mis-17 ta' April 2000;
- Is-socjetà attrici saret taf li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom bdew joperaw kummerc, joffru servizzi, jaccettaw imhatri kif ukoll jippromwovu u jirreklamaw lilhom infushom taht l-isem "UNITEDbet" u dana taht licenzja wkoll mahruga mill-Gaming Board for Malta favur is-socjetà Global Events on Line Limited;
- Is-socjetà attrici ssostni li bl-agir illegali w abbuziv taghhom is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom qed joholqu konfuzjoni f'mohh il-poplu in generali kif ukoll f'mohh il-konsumatur u dana billi l-unika differenza bejn l-isem tas-socjetajiet konvenuti jew min minnhom u dak tas-socjetà attrici hija li minflok il-kliem "unibet.com" gew adoperati l-kliem "Unitedbet";
- Is-socjetà attrici tikkontendi li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom qed jikkommettu atti ta' konkorrenza slejali bi ksur tal-ligi fil-konfront taghha billi l-konsumatur qed jigi ngannat u mfixkel billi qed jinghata x'jifhem li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom joffru l-istess servizz, ta' l-istess natura u kwalità, li tiffori s-socjetà attrici

bhala parti tal-grupp internazzjonali "UNIBET" u bil-kunsens, awtorizzazzjoni u taht istruzzjonijiet u kundizzjonijiet imposti mill-istess grupp internazzjonali;

- Billi s-socjetà attrici ghandha interess u hija obbligata tipprotegi d-drittijiet taghha bhala socjetà registrata u operanti f'Malta, istitwiet il-proceduri odjerni fil-konfront tas-socjetajiet Global Events Online Limited u 24H Bet International Limited.

**Talbiet u eccezzjonijiet**

**3.** Permezz ta' att ta' citazzjoni pprezentat fit-12 ta' Gunju 2002 is-socjetà attrici talbet lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex: (**a**) tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom responsabbli ta' konkorrenza sleali fil-konfront taghha a tenur tal-Ligi, u aktar precizament ta' l-Artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc, bl-uzu u bl-operazzoni taht l-isem "UNITEDbet International Limited"; (**b**) tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom sabiex jieqfu immedjatament milli jkomplu jaghmlu uzu mill-istess isem u sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jirregolaw ruhhom; (**c**) tinibixxi lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom permanentement milli jkomplu jrendu servizzi u jippromuovu u jirreklamaw lilhom infushom taht l-isem "UNITEDbet International Limited" in kwantu dan jista' jinganna u jgib tahwid u konfuzjoni fost il-poplu in generali kif ukoll fost il-konsumaturi taghha; (**d**) tordna kull rimedju iehor li jista' skond ic-cirkostanzi jnehhi l-effetti ta' l-att li bih saret il-konkorrenza sleali; u (**e**) tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ihallsu penali li ma teccedix il-hames mitt Lira Maltija (Lm500) u li tigi stabbilita mill-Qorti ghat-tenur ta' l-Artikolu 37 tal-Kodici tal-Kummerc. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom.

**4.** B'nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-12 ta' Dicembru 2003 (fol. 22 tal-atti) is-socjetajiet konvenuti eccipew illi: (**i**) il-meritu ta' l-azzjoni attrici huwa ezawrit billi ghalkemm kienu jaghmlu uzu mill-isem www.unitedbet.com skond il-licenzja mahruga mill-Gaming Board for Malta, illum il-gurnata ma ghadhomx joffru servizzi ta' mhatri u dan l-isem ma ghadux jintuza;

(**ii**) illi huma ma jaghmlux uzu mill-isem Unitedbet International Limited, dwar liema isem qed tilmenta s-socjetà attrici; (**iii**) illi l-meritu tal-kaz in ezami già kien jifforma l-meritu ta' decizjoni moghtija mill-WIPO Arbitration and Mediation Center datata 10 ta' Dicembru 2001, f'liema proceduri gie kkonfermat li l-isem www.unitedbet.com jista' jibqa' jintuza; u li (**iv**) f'kull kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi huma ma kkommettew ebda azzjoni ta' konkorrenza slejali u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici.

**Is-sentenza appellata**

**5.** B'sentenza pronuncjata fl-1 ta' Novembru 2006 il-Qorti ta' Prim' Istanza qatghet il-kawza billi laqghet it-tieni eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti u cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez a karigu tas-socjetà attrici.

**6.** L-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni finali Taghha in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din il-kawża qed issir skond l-Artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ ossija dak l-artikolu li jirreferi għall-konkorrenza sleali. Il-kwistjoni hija jekk is-soċjeta' konvenuta, bl-użu tal-kliem **Unitedbet**, ikkawżatx din it-tip ta' konkorrenza mas-soċjeta' attriċi li hija kumpanija reġistrata bl-isem **Unibet**. L-artikolu in kwistjoni jgħid illi *l-kummerċjanti ma jistgħux jagħmlu użu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistgħu iġibu taħwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv ieħor użati skond il-liġi minn ħaddieħor, lanqas ma jistgħu jagħmlu użu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistgħu iqarrqu lil ħaddieħor fuq il-vera importanza tad-ditta.*

"Mill-provi mressqa mill-atturi jirriżulta li huma rreġistraw is-soċjeta' tagħhom fis-sena 2000 u bdew joperaw taħt l-liċenzja maħruġa dik is-sena mill-Bord relattiv (Gaming Board for Malta). Fi Frar 2002 saru jafu illi l-konvenuti bdew joperaw bl-isem ta' Unitedbet u għalhekk ftit wara istitwew dawn il-proċeduri (affidavit ta' George Debrincat direttur tas-soċjeta' attriċi a fol 27 tal-proċess).

"Il-konvenuti ma humiex jiċħdu li bdew joperaw wara l-atturi iżda qed jgħidu illi l-ewwelnett ma għadhomx joperaw bl-isem lamentat mill-atturi, l-isem preċiż indikat fiċ-ċitazzjoni qatt ma ġie użat minnhom, illi l-vertenza ġiet deċiża minn arbitraġġ internazzjonali illi ċaħda t-talba tas-soċjeta' attriċi u li f'kull każ it-talba attriċi ma għandhiex tiġi milqugħa għaliex il-konvenuti ma kkommettew ebda att sleali.

"Fir-rigward ta' l-ewwel eċċezzjoni jidher illi għalkemm l-użu ta' l-isem ġie sospiż il-konvenuti mhux qed jirrinunzjaw li jkomplu jużawh. Infatti mill-provi jirriżulta illi meta wieħed jipprova jidħol fil-*website* ta' l-isem in kwistjoni jiġi ridirett fuq isem ieħor ġestit mis-soċjeta' konvenuta stess. (ara anke l-kontro-eżami ta' Per Hildebrand direttur tas-soċjeta' konvenuta). F'kull każ l-azzjoni attriċi tirrigwardja in parti fuq attivita' li gia' ġrat u allura l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

"Huwa fatt li fl-ewwel talba tagħhom l-atturi għamlu riferenza għall-isem Unitedbet International Limited fil-waqt li fl-affidavit ta' l-imsemmi George Debrincat dan il-fatt ma jissemma imkien. Ix-xhud infatti jagħmel riferenzi spissi għall-isem Unitedbet izda mhux għall-isem kollu indikat fiċ-ċitazzjoni illi palesament huwa isem ta' soċjeta' kummerċjali. Barra minn dan iċ-ċitazzjoni fil-parti spjegattiva tagħha wkoll issemmi l-użu ta' Unibet barra minn dak imsemmi imbagħad fit-talbiet. L-atturi għalhekk ikkomplikaw l-istess kawża tagħhom meta fil-parti l-iktar importanti għamlu riferenza għall-isem ta' kumpanija li fil-kors tal-provi mbagħad lanqas biss issemmiet. L-atturi infatti biex ikunu preċiżi fit-talba tagħhom illimitaw l-istess, tant hu hekk li t-talba hija fis-sens li l-konvenuti kienu responsabbli ta' konkorrenza sleali a tenur ta' l-imsemmi Artikolu 32 bl-użu u bl-operazzjoni taħt l-isem Unitedbet International Limited (sottolinear tal-Qorti) meta fil-kors tal-kawża dan ma rriżulta minn imkien.

"Il-Qorti tħossha marbuta minn din it-talba u ma tistax takkordaha meta l-atturi iħossuhom mhedda mhux tant bl-isem tal-kumpanija illi fil-fatt ma tidher li teżisti mkien, iżda

bl-użu tal-kelma Unitedbet li ma tinstab imkien fit-talba attriċi hlief kif ingħad u cioe` in konnessjoni ma' l-isem ta' soċjeta` li ma tirriżulta la mħarrka u lanqas li ġie użat mis-soċjetajiet konvenuti bħala tali. Infatti anke mid-deċiżjoni ta' l-arbitraġġ esteru jidher li l-kwistjoni kienet dwar l-użu ta' l-hekk imsejjaħ *domain name.* B'kuntrast, it-talba li l-Qorti għandha quddiemha hija dwar isem ta' soċjeta' li kif gia' ingħad ma tirriżulta mkien iktar.

"Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet <u>Alice Amato noe vs Vivian De Gray noe et</u> (24 ta' Novembru, 1958); "*Il-Qorti għandha toqgħod għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni u t-termini użati f'atti ġudizzjarji formali bħal ma hu l-att taċ-ċitazzjoni għandu jittieħed fis-sens ġuridiku tagħhom xort'oħra l-konsegwenzi jkunu kaotiċi.* Il-Qorti għalhekk ma thoss li ma għandha ebda alternattiva oħra ħlief li tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u ma hemmx allura għalfejn tidħol fit-talbiet l-oħra u dwar jekk il-kliem lamentati mill-attur jikkostitwixi konfużjoni jew konkorrenza sleali."

**<u>L-appell</u>**

**7.** Mis-sentenza ta' l-1 ta' Novembru 2006 appellat is-socjetà attrici u l-aggravju fuq liema tibbaza l-appell taghha essenzjalment huwa li *l-Ewwel Qorti kienet errata fl-interpretazzjoni illi hija tat lic-citazzjoni tal-appellanti hekk kif inkwadrata fl-Artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc*[1].

**8.** Is-socjetà attrici tikkontendi li l-kwistjoni li kellha tiddetermina l-Ewwel Qorti kienet jekk l-isem "Unitedbet" jikkrejax jew jistax jikkreja konfuzjoni ma' l-isem uzat minnha fis-suq attwali billi tant jixxiehbu li hemm imqar il-possibilità ta' konfuzjoni bejn it-tnejn.

**9.** In bazi ta' hekk is-socjetà attrici ssostni li ma kellhiex ghalfejn tipprova l-ezistenza ta' xi kumpanija bl-isem "Unitedbet International Limited" imma biss is-somiljanza bejn l-isem "Unibet" u l-isem "Unitedbet" u r-rizultanti

[1] Fol. 98 tal-process.

konfuzjoni f'mohh il-konsumatur, prova li skond is-socjetà attrici giet minnha debitament prodotta.

**10.** Bir-rikors ta' l-appell taghha s-socjetà attrici titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti moghtija fl-1 ta' Novembru 2006 u minflok tiddeciedi li l-uzu u l-operazzjoni tal-isem *Unitedbet* mis-socjetajiet appellati jikkostitwixxi att ta' konkorrenza sleali fil-konfront taghha ai termini ta' l-Artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc, u dana taht kull provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa w opportuni.

**11.** Fir-risposta taghhom is-socjetajiet konvenuti jopponu ghall-appell tas-socjetà attrici u jikkontendu li s-sentenza appellata hija gusta u ghandha tigi ikkonfermata ghaliex *kienet korretta l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza rrimarkat li l-ewwel talba tas-socjetà appellanti kienet dwar l-uzu tal-isem Unitedbet International Limited … gustament osservat* [l-Ewwel Qorti] *li hija "marbuta minn din it-talba"* [2].

**12.** Is-socjetajiet konvenuti jikkontendu wkoll li l-appell tas-socjetà attrici ma ghandux jigi milqugh ghaliex bir-rikors ta' l-appell taghha s-socjetà attrici qed tibdel it-talba taghha minn kif dedotta fl-att ta' citazzjoni; bidla li ma hijiex legalment accettabbli w ammissibbli. Huma jikkontestaw ukoll il-meritu ta' l-appell interpost mis-socjetà attrici u jikkontendu li ma ngabet ebda prova li sodisfacentement tistabilixxi li qed tigi ikkrejata jew tista' tigi kkrejata konfuzjoni bejn l-isem uzat mis-socjetà attrici u l-isem uzat minnhom. Jikkontendu li l-fatt li ma tezistix din l-allegata konfuzjoni jirrizulta b'mod car mid-decizjoni tal-WIPO Arbitration and Mediation Center datata 10 ta' Dicembru 2001. Ghalhekk is-socjetajiet appellati jitolbu l-konferma tas-sentenza appellata.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

**13.** Minn ezami ta' l-atti processwali u partikolarment ta' l-att ta' citazzjoni pprezentat mis-socjetà appellanti u mill-

---

[2] Fol. 103 tal-process.

provi minnha prodotti, din il-Qorti ma ssib xejn x'tikkritika fid-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti. In fatti, kontra dak pretiz mis-socjetà appellanti, l-ewwel Qorti ma kenitx errata fl-interpretazzjoni illi hija tat lic-citazzjoni tal-appellanti hekk kif inkwadrata fl-Artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc[3]. Dik il-Qorti fil-verità gharfet ben tajjeb illi filwaqt li l-kawzali fuq liema hija bbazata l-azzjoni attrici hija dik dwar l-uzu ta' l-isem "Unitedbet International Limited" – kjarament isem ta' kumpanija - da parte tas-socjetajiet appellati (jew min minnhom) fl-ezercizzju tal-kummerc taghhom, il-provi prodotti mis-socjetà appellanti in sostenn ta' l-azzjoni taghha jittrattaw dwar kwistjoni ben diversa; kwistjoni li tikkoncerna l-uzu ta' l-isem "Unitedbet" fid-*domain name* adoperat mis-socjetajiet appellati jew min minnhom fil-kors ta' l-ezercizzju tal-kummerc taghhom ta' *on-line gaming and betting*.

**14.** In-nuqqas ta' rabta bejn it-talbiet attrici u dak li jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjetà attrici jirrizulta partikolarment car mix-xhieda in kontro-ezami li ta George Debrincat waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2006[4]. Ghalkemm l-ilment tas-socjetà appellanti, kif espress fl-att ta' citazzjoni, hu li qed tigi kkrejata jew tista' tigi kkrejata konfuzjoni f'mohh il-konsumatur billi *l-unika differenza bejn l-isem tas-socjtajiet konvenuti jew min minnhom u dak tas-socjetà attrici hija li minflok il-kliem "unibet.com" gew adoperati l-kliem "Unitedbet"* -- u esplicitament titlob *inter alia* li s-socjetajiet appellati jew min minnhom: (a) jigu dikjarati responsabbli ta' konkorrenza sleali fil-konfront taghha a tenur tal-Ligi, u aktar precizament ta' l-Artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc, bl-uzu u bl-operazzoni taht l-isem "UNITEDbet International Limited"; (b) jigu kkundannati sabiex jieqfu immedjatament milli jkomplu jaghmlu uzu mill-istess isem; u li (c) jigu inibiti permanentement milli jkomplu jrendu servizzi u jippromuovu u jirreklamaw lilhom infushom taht l-isem "UNITEDbet International Limited" -- fix-xhieda tieghu George Debrincat jghid li *l-oggezzjoni taghna hija li hemm similarità fl-isem. <u>Intavolajna l-kawza dwar s-similarità bejn Unitedbet.com u Unibet.com. Qed jigu mhawdin l-</u>*

[3] Fol. 98 tal-process.
[4] Fol. 59 sa' 62 tal-process.

*imhuh tal-klijenti. Biex naghmel gaming fl-internet, naghmel search fuq search engine u naghzel is-site tal-gaming. Il-problema hija s-similarità tal-ismijiet. Jekk nikklikjaw fuq is-site tal-Unitedbet.com dan il-klijent minghalih li jkun dahal fil-Unibet.com, izda peress li qatt ma jkun ra s-sites l-ohra u jirregistra bhala klijent gdid. Meta jkun klijent gdid irid jirregistra billi taghti d-dettalji. Wara li tkun registered user trid terga' tidhol fis-site tal-Unibet.com. Ikollok registration number u username. Jekk terga' tidhol fis-site u tkun registered user tkun tista' tidhol fil-kont tieghek. Izda jekk tkun irregistrajt mal-Unitedbet.com minnflok mal-Unibet.com u inti tidhol fis-site tal-Unibet.com allura ma tkunx tista' tidhol fil-kont tieghek billi tuza l-username u l-password. Il-Home page tal-Unibet.com tvarja minn zmien ghal zmien. L-isem ikun indikat. Ikun idur 'l hemm u 'l hawn at a point in time. Il-probelma tinholoq meta trid taghzel is-site l-ewwel darba* [5].

**15.** Fid-dawl ta' dak li jirrizulta minn din ix-xhieda ta' George Debrincat hija ghal kollox korretta l-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti li ghalkemm fl-ewwel talba attrici s-socjetà appellanti ghamlet referenza ghall-isem "Unitedbet International Limited" *fl-affidavit ta' l-imsemmi George Debrincat dan il-fatt ma jissemma' imkien. Ix-xhud infatti jaghmel riferenzi spissi ghall-isem Unitedbet izda mhux ghall-isem kollu indikat fic-citazzjoni illi palesament huwa isem ta' socjetà kummercjali* [6]*.* Hija ghal kollox korretta wkoll il-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti li *l-Qorti thossha marbuta minn din it-talba u ma tistax takkordaha meta l-atturi ihossuhom mhedda mhux tant bl-isem tal-kumpanija illi fil-fatt ma tidher li tezisti imkien, izda bl-uzu tal-kelma Unitedbet li ma tinstab imkien fit-talba attrici hlief kif inghad u cioè in konnessjoni ma' l-isem ta' socjetà li ma tirrizulta la mharrka u lanqas li gie uzat mis-socjetajiet konvenuti bhala tali. In fatti anke mid-decizjoni ta' l-arbitragg esteru jidher li l-kwistjoni kienet dwar l-uzu ta' l-hekk imsejjah domain name. B'kuntrast, it-talba li l-Qorti*

[5] Fol. 60 tal-process. Sottolinejar tal-Qorti.
[6] Fol. 93 tal-process.

*ghandha quddiemha hija dwar isem ta' socjetà li kif già inghad ma tirrizulta mkien iktar* [7].

**16.** Fir-rikors ta' l-appell taghha[8] s-socjetà appellanti tikkontendi li qatt ma kienet l-intenzjoni taghha li bl-azzjoni attrici tipprotegi l-uzu tal-kliem "International Limited" izda biss li tipprotegi l-isem "Unibet" u tevita konfuzjoni jew il-possibilità ta' konfuzjoni ma' l-isem "Unitedbet" uzat mis-socjetajiet appellati. Hi tippretendi li l-kwistjoni kollha li kellha tiddetermina l-ewwel Qorti kienet dwar *jekk tali isem, **Unitedbet**, jikkrejax jew jistax jikkreja konfuzjoni mal-isem uzat mis-socjetà appellanti fis-suq attwali, b'dan li tant jixxiebhu li hemm imqar possibilità ta' konfuzjoni bejn it-tnejn*[9] u li ghalhekk f'dan il-kuntest ix-xhud George Debrincat *ma kellux ghalfejn jipprova l-ezistenza ta' xi kumpanija bl-isem "Unitedbet International Limited" imma kellu l-oneru li jipprova li jezisti xebh ovvju bejn l-isem **Unitedbet** hekk kif uzat mis-socjetajiet appellati fl-ambitu ta' l-attivitajiet ta' gaming and betting online u t-tradename **Unibet** uzat mis-socjetà appellanti skond il-ligi, ghal promozzjoni ta' l-istess attivitajiet, u, li tali xebh seta' jikkreja konfuzjoni fl-imhuh tan-nies*[10]. Tikkontendi wkoll li *l-ligi li a bazi taghha saret il-kawza odjerna hija l-artiklu 32 tal-Kodici tal-Kummerc, liema ligi taghmel referenza ghall-uzu ta' **'isem'**, **'marka'** jew **'sinjal distintiv'**. Dak li ghalhekk kellha tipprova s-socjetà attrici ai termini tal-istess artikolu kien il-fatt illi s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom kienu qed jaghmlu uzu minn isem, marka jew sinjal distintiv uzat skond il-ligi mis-socjetà attrici*[11].

**17.** Dawn il-pretensjonijiet tas-socjetà appellanti, però, huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant mhux accettabbli. Kif gjà nghad, mill-premessi u mit-talbiet attrici kif dedotti fl-att ta' citazzjoni huwa ferm evidenti li l-kawzali fuq liema s-socjetà appellanti istitwiet l-azzjoni odjerna fil-konfront tas-socjetajiet appellati tittratta dwar l-uzu ta' l-isem "Unitedbet International Limited" da parti

[7] *Ibid.*
[8] Fol. 100 tal-process.
[9] *Ibid.*
[10] *Ibid.*
[11] Fol. 99 tal-process.

tas-socjetajiet appellati, jew min minnhom, fil-kors tal-kummerc ezercitat minnhom **u** l-iskop ahhari ta' l-istess azzjoni huwa d-divjet ta' l-uzu ta' l-isem "Unitedbet International Limited" da parti tas-socjetajiet appellati, jew min minnhom, billi l-uzu ta' tali isem jikkostitwixxi att ta' konkorrenza slejali fil-konfront tas-socjetà appellanti. Isegwi ghalhekk li ghas-success ta' l-azzjoni minnha istitwita fil-konfront tas-socjetajiet appellati, is-socjetà appellanti necessarjament kellha tipprova l-uzu ta' l-isem "Unitedbet International Limited" -- li kif sewwa rilevat mill-ewwel Qorti, huwa isem ta' kumpannija -- da parti tas-socjetajiet appellati jew min minnhom fl-ezercizzju tal-kummerc taghhom; uzu li, kif sewwa gie kkunsidrat mill-ewwel Qorti, ma gie bl-ebda mod ippruvat tant illi lanqas irrizultat l-ezistenza ta' kumpanija bl-isem "Unitedbet International Limited" li fiha setghu kienu involuti s-socjetajiet appellati jew min minnhom.

**18.** Illum is-socjetà appellanti timplika li peress li l-azzjoni taghha fil-konfront tas-socjetajiet appellati giet istitwita a bazi ta' l-Artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc, l-azzjoni attrici necessarjament tittratta dwar "isem", "marka" jew "sinjal distintiv" u mhux dwar isem ta' kumpannija[12]. L-infondatezza tal-pretensjoni tas-socjetà appellanti tirrizulta b'mod car u evidenti mit-test stess ta' l-Artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc. Bis-sahha ta' dan il-provvediment tal-ligi l-kummercjanti huma pprojbiti milli *inter alia* jaghmlu uzu ta' **ismijiet ta' ditti** li jistghu iqarrqu lil haddiehor fuq il-vera importanza tad-ditta. Ghalhekk dan l-artikolu tal-ligi jista' jigi invokat anke biex jigu protetti ismijiet ta' ditti kummercjali u mhux biss biex jigi protett "isem", "marka" jew "sinjal distintivi" uzat minn kummercjant fl-ezercizzju tal-kummerc tieghu. B'hekk kontra dak pretiz mis-socjetà appellanti, il-fatt li l-azzjoni attrici hija ibbazata fuq l-imsemmi Artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc ma jfissirx li l-istess azzjoni saret esklussivament biex jigi protett "isem", "marka" jew "sinjal distintiv" u mhux ukoll biex jigi protett isem ta' kumpanija.

---

[12] Fol. 99 tal-process.

**19.** Kif sewwa osservaw is-socjetajiet appellati fir-risposta taghhom ghall-appell, is-socjetà appellanti qeghdha issa, fl-istadju ta' l-appell, tibdel it-talba taghha minn kif minnha dedotta fl-att ta' citazzjoni. In effetti llum is-socjetà appellanti ma ghadhiex qed titlob ghad-divjet fil-konfront tas-socjetajiet appellati milli juzaw l-isem "Unitedbet International Limited" izda ghad-divjet fil-konfront ta' dawn l-istess socjetajiet milli juzaw "Unitedbet".

**20.** Il-bidla li qed tittanta taghmel is-socjetà appellanti però ma tistax tigi accettata minn din il-Qorti billi huwa principju assodat fis-sistema guridika taghna li l-kawzali u t-talbiet attrici ma jistghux jigu mibdula fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, wisq inqas fl-istadju ta' l-Appell[13].

**21.** Ikkunsidrat, ghalhekk, l-appell interpost mis-socjetà appellanti mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ta' l-1 ta' Novembru 2006, din il-Qorti tikkonkludi li l-istess appell ma jistax jigi milqugh in bazi ghall-principju guridiku ormai assodat fis-sistema nostrali li *fil-kaz ta' kawzi quddiem il-Qrati Superjuri, il-Qorti ghandha toqghod ghall-kawzalijiet kif dedotti fic-citazzjoni, li ma jistghux jigu mibdula fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, u t-talba jew talbiet ma jistghux jigu milqugha fuq kawzali jew kawzalijiet differenti minn dawk dedotti fic-citazzjoni*[14].

## <u>Decide</u>

**22.** Ghall-motivi premessi tichad l-appell interpost mis-socjetà appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu wkoll sopportati mis-socjetà appellanti.

---

[13] **Avukat Dottor Godwin Aquilina noe v. Eucharist Zammit et, Appell Civili Nru. 715/93** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 2003.
[14] **Lawrence Victor sive Lorvic Xuereb et v. Anthony sive Tonio Vella Bonello et, Citaz. Nru. 212/02TM** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2002.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------